

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/781

tad-19 ta' Mejju 2015

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 332/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar xi proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, minn-naħa l-oħra (⁽¹⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħi,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, minn-naħa l-oħra, (l-FSA) ġie ffirmat fid-29 ta' April 2008; u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013 (⁽²⁾).
- (2) L-FSA ħa post il-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, minn-naħa l-oħra, (il-Ftehim Interim), li kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2010 (⁽³⁾) u għalhekk bdew jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-FSA li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ.
- (3) L-Anness IV tal-FSA u l-Anness IV tal-Ftehim Interim għandhom x'jaqsmu mal-konċessjonijiet Komunitarji għall-prodotti tas-sajd Serbi fl-għamla ta' kwoti tariffarji.
- (4) Fil-25 ta' Ġunju 2014 ġie ffirmat l-FSA sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (⁽⁴⁾) (il-Protokol). Dan l-iffirmar fissem l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri awtorizzaw id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/517/UE (⁽⁵⁾) u 2014/518/Euratom (⁽⁶⁾).
- (5) Il-Protokoll jipprevedi li tiżdied il-kwota tariffarja eżistenti għall-karpjun li joriġina fis-Serbja b'26 tunnellata u li tintefaħ kwota tariffarja ġdida għall-importazzjonijiet tal-prodotti tal-intestatura SA 1604 b'limitu annwali ta' 15-il tunnellata. Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni, il-volumi tal-kwoti tariffarji jridu jinħadmu bi pro rata tal-volumi annwali bażiċi skont iż-żmien li jgħaddi mill-bidu tas-sena kalendarja sad-data ta' applikazzjoni tal-Protokoll.
- (6) Bħalma jipprevedu l-Ftehim Interim u l-FSA, l-intitolament għall-benefiċċju mill-konċessjonijiet tat-tariffa għandu jkun soġġett li tingħata l-prova rilevanti tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali.
- (7) Il-kwoti tariffarji għandha tamministrahom il-Kummissjoni skont minn jasal l-ewwel f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (⁽⁷⁾).

(¹) ĠUL 103, 5.4.2014, p. 10.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2013/490/UE, Euratom tat-22 ta' Lulju 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, minn-naħa l-oħra (GħU L 278, 18.10.2013, p. 14).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/36/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Provviżorju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, minn-naħa l-oħra (ĠU L 28, 30.1.2010, p. 1).

(⁴) ĠUL 233, 6.8.2014, p. 3.

(⁵) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/517/UE tal-14 ta' April 2014 dwar l-iffirmar, fissem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, minn-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 233, 6.8.2014, p. 1).

(⁶) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/518/Euratom tal-14 ta' April 2014 dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fissem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, minn-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 233, 6.8.2014, p. 20).

(⁷) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)

- (8) In-Nomenklatura Magħquda mogħtija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87⁽¹⁾ fiha kodiċijiet NM ġodda li huma differenti minn dawk imsemmija fil-Ftehim Interim u fl-FSA. Għaldaqstant il-kodiċijiet NM il-ġodda għandhom ikunu riflessi fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (9) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni u l-ġestjoni effettiva tal-kwoti tariffarji mogħtija fil-Ftehim Interim u fl-FSA, kif ukoll sabiex ikunu żgurati c-céretta legali u t-trattament ugwali rigward l-impożizzjoni tad-dazji, uħud mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jaapplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Interim.
- (10) Il-Protokoll irid jiġi applikat b'mod proviżorju mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-iffirmar tiegħu, sakemm jintemmu l-proċeduri tal-konklużjoni tiegħu. Għalhekk iż-żieda fil-kwota tariffarja eżistenti għall-karpjun u l-applikazzjoni tal-kwota tariffarja l-ġdida għall-importazzjoni tal-prodotti tal-intestatura SA 1604 għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Awwissu 2014.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni huma miftuħa għall-oġġetti li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja u li tniżżu fl-Anness.

Artikolu 2

L-oġġetti mniżżla fil-Parti A tal-Anness li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja u li ġew dikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera mill-1 ta' Frar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2011, għandhom jiġu eżentati mid-dazji doganali applikabbli għall-importazzjoni fl-Unjoni, skont il-kwota tariffarja rispettiva stabbilita fil-Parti A ta' dak l-Anness.

L-oġġetti mniżżla fil-Parti B tal-Anness li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja u li ġew dikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera mill-1 ta' Jannar 2012, għandhom jiġu eżentati mid-dazji doganali applikabbli għall-importazzjoni fl-Unjoni, skont il-kwota tariffarja rispettiva stabbilita fil-Parti B ta' dak l-Anness.

Artikolu 3

Il-kwoti tariffarji stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha tmexxihom il-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan jaapplika mill-1 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Mejju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

ANNESS

PARTI A

Tgħodd mill-1.2.2010 sal-31.12.2011

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem li jiddeskrivi l-prodotti għandu jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv, u l-ambitu tal-iskema preferenzjali jkun determinat, fil-kuntest ta' din il-Parti tal-Anness, bil-kodiċijiet NM kif kienu fl-1.2.2010.

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Estensjoni TARIC	Deskriżzjoni	Volum mill-1.2.2010 sal-31.12.2010 (fpiż nett ta' tunnellati)	Volum mill-1.1.2011 sal-31.12.2011 (fpiż nett ta' tunnellati)
09.1545	0301 91 10		Trot (<i>Salmo trutta</i> , <i>Oncorhynchus mykiss</i> , <i>Oncorhynchus clarki</i> , <i>Oncorhynchus aguabonita</i> , <i>Oncorhynchus gilae</i> , <i>Oncorhynchus apache</i> u <i>Oncorhynchus chrysogaster</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ie-hor tal-ħut; dqiċċ; pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	15-il tunnellata	15-il tunnellata
	0301 91 90				
	0302 11 10				
	0302 11 20				
	0302 11 80				
	0303 21 10				
	0303 21 20				
	0303 21 80				
	0304 19 15				
	0304 19 17				
	ex 0304 19 18	30			
	ex 0304 19 91	10			
	0304 29 15				
	0304 29 17				
	ex 0304 29 18	30			
	ex 0304 99 21	11 12 20			
	ex 0305 10 00	10			
	ex 0305 30 90	50			
	0305 49 45				
	ex 0305 59 80	61			
	ex 0305 69 80	61			

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Estensjoni TARIC	Deskrizzjoni	Volum mill-1.2.2010 sal-31.12.2010 (f'piż nett ta' tunnellati)	Volum mill-1.1.2011 sal-31.12.2011 (f'piż nett ta' tunnellati)
09.1546	0301 93 00		Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq; pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	60 tunnellata	60 tunnellata
	0302 69 11				
	0303 79 11				
	ex 0304 19 18	20			
	ex 0304 19 91	20			
	ex 0304 29 18	20			
	ex 0304 99 21	16			
	ex 0305 10 00	20			
	ex 0305 30 90	60			
	ex 0305 49 80	30			
	ex 0305 59 80	63			
	ex 0305 69 80	63			

PARTI B

Tgħodd mill-1.1.2012

Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem li jiddeskrivi l-prodotti għandu jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv, u l-ambitu tal-iskema preferenzjali jkun determinat, fil-kuntest ta' din il-Parti tal-Anness, bil-kodiċijiet NM kif jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament.

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Estensjoni TARIC	Deskrizzjoni	Volumi annwali (mill-1.1. sal-31.12.) (f'piż nett ta' tunnellati)
09.1545	0301 91		Trot (<i>Salmo trutta</i> , <i>Oncorhynchus mykiss</i> , <i>Oncorhynchus clarki</i> , <i>Oncorhynchus aguabonita</i> , <i>Oncorhynchus gilae</i> , <i>Oncorhynchus apache</i> u <i>Oncorhynchus chrysogaster</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq; pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	mill-2012 'il quddiem: 15-il tunnellata
	0302 11			
	0303 14			
	0304 42			
	ex 0304 52 00	10		
	0304 82			
	ex 0304 99 21	11 12 20		
	ex 0305 10 00	10		
	ex 0305 39 90	10		
	0305 43 00			
	ex 0305 59 80	61		
	ex 0305 69 80	61		

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Estensjoni TARIC	Deskrizzjoni	Volumi annwali (mill-1.1. sal-31.12.) (fpiż nett ta' tunnellati)
09.1546	0301 93 00		Karpjun (<i>Cyprinus carpio</i> , <i>Carassius carassius</i> , <i>Ctenopharyngodon idellus</i> , <i>Hypophthalmichthys spp.</i> , <i>Cirrhinus spp.</i> , <i>Mylopharyngodon piceus</i>): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef; im-mellah jew fis-salmura, iffumikat; fletti u la-ham ieħor tal-ħut; dqiq; pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	1-2012 u 1-2013: 60 tunnellata
	0302 73 00			1-2014: 60 tunnellata żdiedu b'10,833 tunnellata mill-1.8.2014
	0303 25 00			mill-2015 'il quddiem: 86 tunnellata
	ex 0304 39 00	20		
	ex 0304 51 00	10		
	ex 0304 69 00	20		
	ex 0304 93 90	10		
	ex 0305 10 00	20		
	ex 0305 31 00	10		
	ex 0305 44 90	10		
09.1592	L-intestatura SA 1604		Ħut ipproċessat jew ippreservat; kavjar jew sostituti tal-kavjar ipproċessati mill-bajd tal-ħut	Mill-1.8.2014 sal-31.12.2014: 6,25 tunnellata mill-2015 'il quddiem: 15-il tunnellata